# illum

€0.51/ 22ċ

www.illum.com.mt

10 ta' Frar 2008 • Nr 67





Biex jingħataw postijiet tal-Gvern

# Kanvaser ta' Gonzi mitluba tagħti parir

Julia Farrugia

**Din il-gazzetta tista' tiżvela li Charmaine Gerada, kanvaser tal-Prim Ministru Lawrence Gonzi u kunsilliera tal-PN fl-Isla, intgħażlet biex tagħti parir f'laqgħa li matulha tqassmu 22 post f'isem id-Dipartiment ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali. Jirriżulta li l-postijiet kollha, ħlief tnejn, ingħataw fil-Kottonera li tagħmel parti mit-Tieni Distrett elettorali u li fih se jikkontesta Lawrence Gonzi. Iż-żewġ postijiet l-oħra kienu f'San Ġiljan u fil-Floriana.**

Il-Ministeru ta' Cristina ikkonferma li fil-laqgħa li ddeterminat min se jgawdi mill-postijiet ġodda kien hemm ukoll Michelle Mallia li tmexxi l-uffiċju tal-Customer Care tal-Ministeru ta' Dolores Cristina u li regolarment tieħu sehem fil-laqgħat tal-Bord ta' l-Allokazzjoni.

*Tkompli fuq paġna 4*


Charmaine Gerada

ELEZZJONI 2008

Il-qagħqa tal-PM *paġna 3* • Fit-titotla *paġna 7*

## Ma fetħux inkjesta dwar il-lasta li waqgħet

Julia Farrugia

**Il-Ministeru ta' l-edukazzjoni kkonferma ma' *Illum* li ma nfetħet l-ebda inkjesta dwar l-inċident ta' l-1 ta' Frar meta fl-iskola Primarja ta' Ħal Safi fil-Kulleġġ San Benedittu waqgħet lasta tal-futbol ħdejn numru ta' studenti. Ħadd mit-tfal ma' weġġa u b'xorti tajba kienet evitata diżgrazzja.**

Kienet din il-gazzetta li bħal llum ġimgħa żvelat din l-istorja. *Illum* staqsiet jekk wara dan l-inċident infetħitx inkjesta, jekk iva meta nfetħet u jekk inħatrux esperti.

It-tweġiba tal-Ministeru kienet biss li: "Id-Direttorat għal Servizzi Edukattivi għamel kuntatt ma' l-iskola Kulleġġ San Benedittu, Primarja Safi. L-iskola tat rapport dwar dak li ġara."

Staqsejna wkoll meta saret l-aħħar spezzjoni fuq din il-lasta mill-Awtorità tas-Sigurtà u Saħħa. Il-Ministeru sostna li "l-iskola kienet ħadet il-prekawzjonijiet kollha biex tassigura li jkun hemm sigurtà fl-iskola. Dan hu kkonfermat mir-rapport tal-Health and Safety Officer."

Il-Ministeru qed jgħid li "id-Direttorat għal Servizzi Edukattivi jimpenja ruħu biex inċidenti bħal dawn jiġu evitati." Madankollu ma qalx kif se jagħmel dan.

Għal stejjer mhux politiċi paġni 10-11

## Min se jiffrankalna l-iktar taxxi?

Kurt Sansone

**Il-proposti għal tnaqqis fit-taxxi li qed jagħmlu l-erba' partiti politiċi huma indirizzati primarjament lejn dawk is-setturi fil-popolazzjoni li huma l-iktar inklinati li jivvutawlhom.**

Analiżi tal-proposti turi kif it-tnaqqis fit-taxxi li qed iwiegħdu l-Partit Nazzjonalista, l-Alternattiva Demokratika u l-Azzjoni Nazzjonali jolqot direttament lill-klassi medja u dawk bi dħul għoli filwaqt li l-proposta ta' l-MLP taġevola l-iktar lill-ħaddiema bi dħul baxx u li jiddependu fuq is-sahra biex ikabbru d-dħul tagħhom.

Il-logħob bit-taxxi jidher li se jkun karatteristika tal-kampanja elettorali anki jekk għad hemm mistoqsijiet kbar x'jitwieġbu dwar kif se jkunu sostnuti dawn il-wegħdiet.

Minkejja l-kritika li kien għamel lill-Partit Laburista talli ma kienx qal kemm se tiswih il-proposta biex ma titħallasx taxxa fuq is-sahra, din il-ġimgħa l-Partit Nazzjonalista għamel l-istess żball.

*Tkompli fuq paġna 5*

## Tonio Fenech skuża ruħu

Sabrina Agius

**Is-Segretarju Parlamentari Tonio Fenech ilbieraħ skuża ruħu maċ-Chairman ta' l-Alternattiva Demokratika Harry Vassallo wara l-kumment barra minn loku li għadda fuq it-tifel tiegħu.**

Nhar il-Ġimgħa, f'kumment li ta lil One News dwar id-donazzjoni mill-Fond għall-Kawżi Ġusti lil kumpanija privata, Fenech daħħal fil-kredu lit-tifel ta' tmien snin ta' Vassallo mingħajr bżonn. Hu kien qed iwieġeb mistoqsija dwar jekk kienx illegali li minn dan il-fond ibbenefika t-tifel ta' l-Ispeaker, li għandu kumpanija kummerċjali.

*Tkompli fuq paġna 4*




TRATTORIA De Buono

Experience Mediterranean Cuisine at our exclusive seaside venue. Choose from our fresh seafood, succulent meat and mouthwatering pasta dishes prepared for you by our Italian trained chefs.

TUNNY NET COMPLEX

Tunny Net Complex - Marfa Road, Mellieha Bay

Reservations: 2152 3254

FREE PARKING AT THE HOTEL RIU SEABANK


NEWSPAPER POST